MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 142/2000/1

**Joe Grima u martu Rita Grima**

**v.**

**Nutar Dr. Emanuel Cefai**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1 Dan hu appell ad istanza tal-konvenut minn sentenza in parte li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fl-20 ta' Ottubru 2005, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u in forza ta' liema sentenza, dik il-Qorti ddecidiet billi cahdet l-eccezzjoni preliminari

tal-privilegium fori sollevata mill-konvenut, b'dana li l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni.

1.2 Ghall-ahjar intendiment tal-gudikat odjern, qeghda tigi hawn taht riprodotta in toto s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti:
"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

"Illi l-konvenut huwa debitur versu l-atturi fis-somma ta' elf mija u wieħed u tletin lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm1,131.50c) rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' xogħol magħmul fil-proprjeta' tal-konvenut ;

"Illi l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut bl-interessi kalkolati bit-tmienja fil-mija fis-sena b'effett mill-10 ta' Diċembru 1994, permezz ta' ittra uffiċċjali tat-tlettax ta' Jannar, 2000 illi ġiet notifikata lill-konvenut ai termini ta' l-artikolu 187 (3) peress illi minkejja tentattivi n-Nutar Cefai baqa' ma nstabx ;

"Illi nonostante dan kollu, il-konvenut baqa' inadempjenti ;

"Illi dan id-debitu hu wieħed ċert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi il-konvenut ma għandu ebda eċċezzjoni xi jqajjem għat-talba illi dan il-kreditu tagħhom jitħallas .

"Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizzazzjoni u Proċedura Civili ;

2. tikkundannak sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' elf mija u wieħed u tletin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm1,131.50c) dovuti flimkien ma' l-interessi fuq din is-somma b'effett mill-10 ta' Diċembru 1994 sad-data ta' l-effettiv pagament .

“Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-tlettax ta’ Jannar 2000, u tan-notifika ai termini ta’ l-artikolu 187(3) kontra tiegħek.

“Bl-ingunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa inti inġunt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Joe Grima .

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi preliminarjament jiġi invokat il-*Privilegium Fori* stante li din il-kawża tirrigwarda allegata obbligazzjoni ta’ ħlas li a tenur ta’ Artikolu 1159 subinċiż (4) tal-Kodiċi Civili, din l-obbligazzjoni għandha tiġi esegwita “fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur”, u ċioe’ f’Malta .

2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, Iżda wkoll in linea preliminari, jiġi eċċepit li ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut, u għalhekk il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju .

3. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi .

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

“Rat il-verbal tagħha ta' l-4 ta’ Marzu 2005 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum fuq l-eċċezzjoni preliminari dwar il-‘*privilegium fori’ .*

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni .

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

“Ikkunsidrat :

“Illi permezz ta’ din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu il-konvenut qed jinvoka l-‘*privilegium fori*” u ċioe’ d-dritt jew aħjar benefiċċju li jiġi mħarrek f’Qorti partikolari . In sostenn ta’ din l-eċċezzjoni tiegħu jagħmel referenza għall-artikolu 1159(4) tal-Kap. 16 li jgħid illi meta l-ħlas għandu jsir bi flus u l-kreditur u d-debitur ma jkunux joqgħodu fl-istess gżira, il-ħlas għandu jsir fejn ikun jirrisjedi d-debitur . Mhux kontestat illi l-konvenut (l-allegat debitur) fil-kawża odjerna jirrisjedi fil-gżira ta' Malta . Infatti anke l-indirizz li nghata ghan-notifika lilu tac-citazzjoni huwa f'Malta .

“L-artiklu 741 (c) jittratta l-eċċezzjoni ta’ inkompetenza ta’ xi Qorti meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari . L-artikolu 767 imbagħad jagħti l-benefiċċju lil persuni li jkunu joqgħodu fil-gżira ta’ Malta li jiġu mħarrka f’dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu f’Għawdex rigward il-Qorti ta’ din il-gżira .

“Għalhekk *prima facie* jidher illi l-konvenut għandu raġun iqajjem din l-eċċezzjoni, ġialadarba ġie imħarrek fil-Qorti ta’ din il-gżira u mhux f’dik ta’ fejn titqies li hija r-residenza tiegħu.

“Imma l-Qorti ma tistgħax tieqaf hawn u dan jirrikonoxxieh l-istess konvenut, għax importanti ferm għas-soluzjoni ta’ din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tingħata waħda mill-eċċezzjonijiet għal din ir-regola rilevanti għall-każ in eżami . Infatti dan l-istess artikolu jgħid illi

: “**l-‘privilegium fori’ jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fil-gżira partikolari**” .

“Fid-duttrina legali nsibu jingħad illi :

"*Foro per le cause relative a diritti di obbligazione e' quello del luogo in cui e' sorta o deve eseguirsi l'obbligazione dedotta in giudizio.*"[1]

"Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eċċezzjoni tal-'*privilegium fori'*, u din il-Qorti tiffaċċja tali eċċezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jiġi mħarrek quddiemha . Dejjem pero' ġie ritenut illi, kif tistipula l-liġi stess, dan il-benefiċċju tal-konvenut jispiċċa kemm-il darba jiġi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazjoni li kellha titwettaq fi gżira partikolari . Il-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-qrati tagħna kien illi, fejn in-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti tiegħu kellu jiġi esegwit fi gżira partikolari, dik il-gżira kellha kompetenza tisma l-kawża ; (ara f'dan ir-rigward : Appell Ċivili : Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw : 20.5.94 ; Appell Kummerċjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima : 12.2.92; u cit. 6/1996 : "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" mogħtija fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell) .

"Minn dak li rriżulta s'issa, fil-każ preżenti nsibu illi l-atturi qed jitolbu lill-qorti tordna lill-konvenut iħallas il-bilanċ ta' prezz għal xogħol esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fi proprjeta' ta' l-istess konvenut fil-gżira ta' Għawdex . Fl-affidavit tiegħu,[2] u fuq dan ma ġie kontradett bl-ebda mod mill-konvenut, l-attur jgħid illi l-ftehim dwar dan l-appalt sar fir-residenza li kellu dakinhar il-konvenut f'Għawdex ; ix-xogħol ġie esegwit f'Għawdex u l-ħlas akkont sar ukoll fir-residenza tal-konvenut f'Għawdex .

"Jirriżulta għalhekk illi fil-każ in eżami l-obbligazzjoni ewlenija kienet tittratta l-kuntratt ta' appalt li ngħata lill-attur dwar xogħol li kellu jiġi esegwit fi proprjeta' tal-konvenut li tinsab fil-gżira ta' Għawdex . Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 1159 tal-Kodiċi Ċivili msemmi mill-konvenut, ma japplikax għall-kwistjoni in eżami, u dan peress illi hawnhekk l-obbligazzjoni għall-ħlas ma tistax tittieħed waħedha u indipendentement mill-kundizzjonijiet

[1] Salvatore Sotto : Diritto Processuale Civile, pag. 17 .
[2] A fol. 51 - 52 tal-process .

l-oħra, imma għandha titqies bħala parti ntegrali mill-ftehim globali . L-obbligazzjoni għall-ħlas hija biss anċillari u sussidjarja għall-obligazjzoni prinċipali ta' eżekuzzjoni ta' xogħol fil-bini tal-konvenut .

"Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi, fejn l-obbligu ewlieni u ċioe' ix-xogħol li kellu jagħmel l-attur, kellu neċessarjament jitwettaq fil-gżira ta' Għawdex, ġie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispiċċa l-'*privilegium fori'* tal-konvenut .

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, billi tiċħad l-istess eċċezzjoni u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni .

"L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

2.1 Il-konvenut hassu aggravat bil-precitata sentenza u interpona appell minnha ghal fini ta' revoka.

2.2 L-aggravju tal-konvneut jista' jigi migbur in succint fis-segwenti:

Il-konvenut, a differenza ta' dak ritenut mill-ewwel Qorti, jissottometti li hawn si trattava ta' "<u>zewg</u> obbligazzjonijiet <u>quid pro quo</u> li huma ndaqs". Ghandek, dejjem skond l-appellant, kuntratt ta' appalt fejn parti tobbliga ruhha li tesegwixxi xoghol u l-parti l-ohra tobbliga ruhha li thallas ghalih. Kwindi, il-hlas "m'huwiex parti ancillari mix-xoghol; ghax ix-xoghol huwa l-obbligazzjoni li ha fuqu l-kuntrattur, mentri l-hlas huwa l-obbligazzjoni ta' l-istess piz li ha fuqu dak li kkuntratta x-xoghol."

Skond l-appellant, il-gurisprudenza citata mill-atturi appellati ma tattiljax ghall-kaz in ezami billi c-cirkostanzi tal-kaz kienu differenti. F'din il-kawza "dak li qed jippretendu l-atturi huwa biss li jinfurzaw pretiza obbligazzjoni ta' hlas, u allura japplika (l-) Artikolu 1159 subinciz (4) (tal-Kap. 16)"

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI</u>**

3. L-atturi wiegbu li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita konferma. Dan apparti l-fatt li l-istess appellant f'diversi okkazzjonijiet effettwa hlasijiet akkont fil-gzira ta' Ghawdex.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4.1 Qabel ma tiddelibera dwar il-mertu ta' dan l-appell, din il-Qorti thossha fid-dmir li testerna d-dizapprovazzjoni totali taghha ghall-mod kif iz-zewg nahat fil-kawza ghazlu li jikkonducu l-proceduri odjerni fis-sens li, taht sembjanza ta' legalita`, ippreferew li jinqdew b'sotterfugi u sofizmi legalistici bil-konsegwenza li eccezzjoni ta' inkompetenza diga` hadet sitt (6) snin biex tigi finalment rizolta.

4.2 Dan qieghed jinghad ghar-raguni li, mill-provi preliminarji, ghandu jirrizulta li, indipendentement ghalissa mill-fondatezza o meno ta' l-aggravju tal-konvenut, l-attur Joe Grima kien gia` edott mill-fatt li l-konvenut Cefai kien gie joqghod fil-gzira ta' Malta qabel ma intavola c-citazzjoni in ezami u, kwindi, lanqas tifhem l-ghala l-attur baqa' jinsisti li l-konvenut kellu bilfors jigi nnotifikat fil-gzira ta' Ghawdex u mhux Malta, kif sar invece fil-kaz ta' l-ittra ufficjali. Jista' jkun li din l-insistenza kienet gejja mill-fatt li originarjament il-procedura maghzula kienet wahda bil-procedura sommarja u li l-atturi riedu forsi jaghmlu "short-shrift" mit-talba taghhom fil-konfront tal-konvenut.

5. Daqstant iehor odjuz kien l-agir tal-konvenut. Jirrizulta li dan originarjament kien jirrisjedi fil-gzira ta' Ghawdex u li dan qatt, qabel ma saret din il-kawza kontrih, ma sab jew irriskontra l-icken diffikulta` li jkellem, javvicina u jeffettwa hlasijiet akkont lill-kontro-parti fil-gzira ta' Ghawdex. Inoltre, l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern esebit minnu – ara Dok EC2 fol. 48 in sostenn tal-fatt li l-konvenut gie registrat bhala li hu residenti Malta, igib id-data "Ottubru 2000", filwaqt li l-att tac-citazzjoni gie pprezentat fil-11 ta' Awissu, 2000.

Din il-Qorti ghandha xoghol bizzejjed biex tokkupaha ghal aktar mis-sieghat li l-kalendarju Gregorjan iqieghed f'gurnata, u ma ghandhiex tkun imtaqqla b'kuntrasti intizi biss biex itawlu l-proceduri bla htiega, u f'dan is-sens

qeghda ticcensura l-partijiet u d-difensuri rispettivi taghhom ghall-agir taghhom.

6.1 Fil-mertu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju tal-konvenut huwa wiehed infondat. Ghalkemm huwa veru li jista’ jinghad li hawn si trattava ta’ zewg obbligazzjonijiet, izda daqstant iehor ghandu jkun ovvju li l-obbligazzjoni ewlenija – kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti – kienet dik relativa ghall-ftehim ta’ appalt bejn il-kontendenti. L-obbligazzjoni li l-konvenut ihallas ta’ dan ix-xoghol tibqa’ ghalhekk wahda konsegwenzjali ghall-obbligazzjoni principali – dik ta’ l-appalt. Minn dan isegwi li darba li l-obbligazzjoni ewlenija kellha tigi esegwita Ghawdex allura tiskatta d-disposizzjoni cara u inekwivoka li tinsab fl-Artikolu 770 tal-Kap. 12 – kif korrettement citat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – jigifieri li,
“Il-privilegium fori jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari.”

6.2 Ir-ragjonamenti tal-konvenut m’humiex ghajr argumenti sofisti intizi biss biex ihawwdu. Il-verita` hija li rebus sic stantibus din il-kawza, darba li fil-mori tal-vertenza l-konvenut ghazel li jigi joqghod fil-gzira ta’ Malta, setghet issir ukoll validament f’Malta. Dan maghdud pero`, ma jnaqqas assolutament xejn mill-korrettezza u validita` legali li l-kawza tigi istitwita fil-gzira ta’ Ghawdex ghar-raguni li kienet tirrigwarda obbligazzjoni ta’ appalt esegwibbli interament f’dik il-gzira.

7. Finalment, l-appellant ghamel ukoll riferenza ghal xi sottomissjonijiet verbali li skond hu saru “seduta stante” dwar il-possibilita` li l-appell tieghu seta’ kien irritu u null billi ma ntalabx permess dwaru skond il-ligi. Din il-Qorti jidhrilha li, apparti li ma jirrizulta xejn registrat f’dan is-sens, darba li l-process wasal f’dan l-istadju inoltrat u qieghed jistenna decizjoni, certament mhux il-kaz li jitqanqlu aktar diffikultajiet meta l-istess kontro-parti appellata ma kkummentat xejn aktar f’dan il-kuntest, anzi jidher li ssottomettiet ruhha kompletament ghal dan il-gudizzju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza in parte moghtija mill-ewwel Qorti, tichad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez relativi kontra tieghu, b'dan li tordna li jigu rimessi l-atti mill-aktar fis quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-fini ta' kontinwazzjoni u eventwali decizjoni fil-mertu skond il-ligi u peress li dan l-appell huwa wkoll fieragh u vessatorju fis-sens ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------